# MARIA

**Fil-ħlewwa ta' Mejju,**
**Omm tagħna MARIJA,**
**O kemm idoqq ħlejju**
**dak ismek Sabiħ!**



# MANIFESTAZZJONI MARJANA

## F'GHELUQ IX-XAHAR TA' MEJJU



**PARROĊĊA SANTA MARGERITA - SANNAT**

**MANIFESTAZZJONI MARJANA**

**Animatur:** F'dan ix-xahar ta' Mejju, iddedikat lill-Omm tagħna Marija, hija ħaġa xierqa li bħala wliedha nuru rispett, imħabba u anke nagħtuha t-tifħir tagħna, b'mod speċjali.

Il-Konċilju Vatikan II jara f'Marija il-figura tal-Knisja, li fiha aħna wkoll bħal Marija nisimgħu t-tħabbira tal-kelma, magħha aħna nifirħu f'Alla s-Salvatur tagħna li jħares lejna b'ħarsa ta' ħniena minħabba d-dgħjufija tagħna.

Ma' Marija aħna wkoll naraw lill-Iben ta' Alla jitwieled fuq l-artali tagħna waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija.

Ejjew inpoġġu lil Marija bħala xempju ta' kif wieħed għandu jimxi bil-fedeltà fit-triq li fiha jsejjaħlu Alla.

Ejjew nitgħallmu minnha li kif nwasslu lil Ġesù għand kull bniedem, billi nkunu mimlijin bl-imħabba.

Magħha nimxu wkoll it-triq tas-salib bi spirtu ta' mħabba, ta' umiltà u ta' qadi biex nissieħbu ma' Binha fil-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni.

**KANT:**

**Mill-Evanġelju ta' San Luqa (Lq 1, 26-38)**

Mbagħad fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek."Hi tħawwdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."



# ATT TA' TIĠDID TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-PARROĊĊA LILL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA F'GĦELUQ IX-XAHAR TA' MEJJU

O Marija, xbejba ta' setgħa u Omm tal-Ħniena, Sultana tas-Sema u kenn tal-midinbin, aħna nerġgħu nikkonsagraw il-parroċċa tagħna lill-Qalb tiegħek bla tebgħa.

Lilek nikkonsagraw lil uliedna, iż-żgħar u ż-żgħażagħ sabiex Inti tħarishom mill-ħażen u tmexxihom 'il quddiem fit-triq tal-qdusija.

Nikkonsagrawlek il-familji tagħna, sabiex tkun preżenti fil-ferħ tagħhom u tfarraġhom fil-hemm tagħhom, hekk li kull membru tal-familja jkollu sehem mill-ġid tal-barka tiegħek ta' Omm.

Kull wieħed u waħda minna inġeddu wkoll il-konsagrazzjoni tal-ħajja tagħna lill-Qalb bla tebgħa tiegħek, ħalli fuq l-eżempju tiegħek ngħixu u nġibu ruħna dejjem ta' nsara, dixxipli fidili ta' Kristu.

U sabiex din il-konsagrazzjoni tkun tassew ta' ġid u tibqa' sħiħa, aħna nġeddu llum f'riġlejk, O Marija, il-wegħdiet tal-magħmudija u ta' l-ewwel tqarbina tagħna. Aħna nagħtuk kelma li nistqarru bla biża' u dejjem il-veritajiet tal-Fidi, li ngħixu ta' kattoliċi f'kollox taħt it-tmexxija tal-Papa u ta' l-Isqfijiet maqgħudin miegħu. Aħna nwegħduk li nħarsu l-kmandamenti t'Alla u tal-Knisja, u fuq kollox it-tqaddis tal-Ħdud. Aħna nagħtuk kelma li ndaħħlu fil-ħajja tagħna, sa fejn u kemm nistgħu, it-taħriġ ħelu tar-Reliġjoni Nisranija u fuq kollox t-Tqarbin Imqaddes

Fl-aħħar aħna nwegħduk, O glorjuża Omm Alla u Omm ħelwa tal-bnedmin, li b'qalbna kollha nagħtu ruħna biex inxerrdu l-qima mbierka tiegħek, sabiex bis-saħħa tas-saltna tal-Qalb tiegħek bla tebgħa, inħaffu li tiġi u sseħħ is-saltna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ibnek Ġesù fir-ruħ tagħna, fir-ruħ ta' kulħadd, fil-maħbuba art twelidna, fid-dinja kollha, fl-art u fis-sema. Amen.

**Mill-Evanġelju ta' San Luqa (Lq, 11, 27-28)**
Kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qalet lil Ġesù: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt?" Iżda hu qalilha: "Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha?"

**NAĦSBU:** Naħsbu ftit kemm kien jgħożż Ġesù lil dawk li kienu jisimgħu l-kelma u jħarsuha.

**INTENZJONI:** Nitolbu għal dawk kollha li għandhom f'idejhom il-ministeru tax-xandir tal-kelma ta' Alla.

**TALBA:** Mulej Ġesù, Int fil-persuna ta' Ommok Marija tajtna mudell perfett ta' min jisma' u jilqa' l-kelma ta' Alla. Agħmel li aħna nkunu dixxipli veri tiegħek, attenti għal dak kollu li tgħidilna biex insiru xandara tal-kelma li Int tħabbrilna.
Aħna rridu wkoll nafdawlek lil dawk kollha li f'idejhom tafda t-tagħlim tal-kelma tiegħek: lill-Papa, lill-Isqfijiet u s-Saċerdoti u anke l-Katekisti, speċjalment dawk tal-parroċċa tagħna, biex fidili għall-messaġġ ta' l-Evanġelju jwasslu ħafna oħrajn biex ikunu ħbieb tal-kelma divina.

**OFFERTA:** Saċerdot u l-Katekisti tal-Parroċċa jersqu lejn il-Madonna u joffrulha l-ktieb tal-Vanġelu u l-ktieb tal-Katekiżmu tal-Knisja.

**KANT…**

**DISKORS MIĊ-ĊELEBRANT**



Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?" Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir." Mbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek?" U l-anġlu telaq minn quddiemha.

**Il-Kelma tal-Mulej.**

**NAĦSBU FTIT:**
- Marija tilqa' t-tislima ta' l-Anġlu, u Ġesù jitnissel fil-ġuf tagħha.
- Ġesù jidħol fil-ħajja tagħna l-bnedmin u jfeġġ dawl fuq id-dinja mudlama bid-dnub.
- Marija l-Qaddejja tal-Mulej tagħtina lil Ġesù l-Qaddej ta' Alla.

**INTENZJONI:** Nitolbu għall-ommijiet kollha li qed jistennew tarbija u anke għat-tfal kollha li twieldu fil-parroċċa matul din is-sena.

**NITOLBU:** O Alla, li ridt li fit-tħabbira ta' l-Anġlu l-Iben tiegħek isir bniedem bħalna fil-ġuf ta' Marija Verġni, agħmel li aħna nħossu l-qawwa tat-talb li hija tagħmel għalina quddiemek. Bierek u imla bil-ferħ lil dawk kollha li se jsiru ommijiet u agħmel li t-tfal kollha li ħadu l-magħmudija jibqgħu dejjem ulied denji ta' Ommna Marija u tal-Knisja. Amen.

**OFFERTA:** Koppji li se jkollhom tarbija jew li għammdu matul is-sena joffru xema jew fjura lill-Madonna

**KANT (Waqt li ssir din l-offerta isir il-kant)**

**Mill-Evanġelju ta' San Luqa: Lq 2, 39-40)**
Meta temmew kull ma kellhom jagħmlu skond il-liġi tal-Mulej reġgħu lura lejn il-Galilija fil-belt tagħhom Nazaret. U t-Tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bil-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu.

**NAĦSBU:** Naħsbu ftit fuq il-missjoni importanti ta' tagħlim u l-formazzjoni li għandhom il-ġenituri fil-familja

**INTENZJONI:** Nitolbu għall-missirijiet u l-ommijiet kollha bħala l-ewwel għalliema ta' wliedhom biex kull familja tkun ambjent tajjeb li jgħin lit-tfal jikbru fil-formazzjoni nisranija.

**TALBA:** O Alla li bgħatt lil Ibnek bħala l-Kelma u l-Ħobż tal-ħajja, agħti lill-missirijiet u lill-ommijiet kollha li, fuq l-eżempju ta' Marija u Ġużeppi, jagħtu lil uliedhom dak kollu li huwa meħtieġ biex jikbru fil-għerf u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Bi Kristu Sidna. Amen .

**OFFERTA:** Missier u omm jersqu jagħmlu offerta ta' xema' lill-Madonna.

**KANT…**

**Mill-Evanġelju ta' San Luqa (Lq 2,41)**
Sabuh fit-tempju bil-qiegħda f'nofs l-Għalliema...Ommu qaltlu : "Ibni għaliex għamiltilna hekk, Ara missierek u jien konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma…"

**NAĦSBU:** Naħsbu ftit fuq is-sofferenza li jġarrbu l-ġenituri.

**INTENZJONI:** Nitolbu għall-ommijiet kollha li qed isofru minħabba t-telfa ta' wliedhom.



**TALBA:** O Mulej, itfa' l-ħarsa tiegħek fuq dawk l-ommijiet li għaddejjin minn tbatija għax jaraw lil uliedhom mitlufa f'xi vizzju, jew imbegħda mid-dar jew imbegħda wkoll minn dawk il-valuri li ħadu mill-familja. Agħmel li bl-interċessjoni ta' Marija li sofriet, b'qalbha maqsuma, it-telfa ta' Binha Ġesù fit-tempju, l-ommijiet kollha tferraħhom bir-ritorn ta' wliedhom għad-dinjità ta' wlied il-familja nisranija

**OFFERTA:** Tifel u Tifla joffru fjura jew xema' lill-Madonna.

**KANT…**

**Mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli (Atti 1, 13-14)**
X'ħin daħlu l-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqgħodu… U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija, omma Ġesù u ma' qrabatu.

**NAĦSBU:** Naħsbu ftit kif Marija kienet il-kenn u l-kuraġġ tal-Knisja fil-bidu tagħha.

**INTENZJONI:** Nitolbu għall-Knisja fil-parroċċa tagħna, fid-Djoċesi tagħna u għall-Knisja Universali.

**TALBA:** O Marija, omm il-Knisja, Int ġbart flimkien l-ewwel dixxipli ta' Ibnek Ġesù u fi spirtu ta' talb qawwejthom fit-tama u għenthom jirbħu kull biża'. Kun mal-Knisja fil-parroċċa tagħna u mal-Knisja fid-dinja kollha, biex taħt il-ħarsien u bil-għajnuna tiegħek tkompli l-missjoni tagħha bil-fedeltà u bil-kuraġġ, u fi spirtu ta' talb tgħix bħala familja, u tidher strument ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha.

**OFFERTA:** Tnax-il tifel li jirrappreżentaw l-Appostli joffru xema' (il-fjamma tal-fidi u tal-ħeġġa apostolika)

**KANT...**

